MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 349/2013

**HSBC Bank Malta Plc (C-3177)**

**-vs-**

**Kwik-Fit Silencers Ltd (C-18206) u Anthony Balzan u Matthew Balzan jew min minnhom**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-12 t'April 2013 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi ppremettiet:

Illi fl-4 ta' Frar 2010 ġiet liberata a favur tar-rikorrenti l-garaxx mingħajr numru uffiċjali bl-isem 'Franks Garage', pero' bit-tabella ta' barra li ġġib l-isem 'Balsons Silencers Sales and Repairs' ġewwa Triq Birkirkara, San Ġiljan, sottopost għall-proprjeta' ta' terzi, konfinanti mill-punent mal-istess triq, minn nofsinhar ma' proprjeta' tal-familja Vella jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu u mill-lvant ma'

proprjeta’ ta’ Carmelo Magro jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu, libera u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha u dana bil-prezz komplessiv ta’ tnejn u tmenin elf u ħames mitt Ewro (€82,500) kif jirriżulta mill-anness dokument A;

Illi dina l-proprjeta’ kienet tappartjeni lill-kumpanija Kwik-Fit Silencers Limited bin-numru ta’ reġistrazzjoni C-18206 u hija fil-preżent okkupata mill-istess soċjeta’ intimata u mill-intimati Anthony Balzan u ibnu Matthew Balzan – jew min minnhom – u dana abbużivament u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

Illi s-soċjeta’ rikorrenti tixtieq tiżgombra lill-intimati mill-proprjeta’ imsemmija u għalkemm l-intimati ġew interpellati sabiex jagħmlu dan huma baqgħu inadempjenti;

Illi jeżistu l-elementi kontemplati fl-artikoli 167 sa 170 tal-kapitolu tnax (12) tal-Liġijiet ta’ Malta għall-eżenzjoni mis-smiegħ billi fil-fehma tas-soċjeta’ rikorrenti l-intimati m’għandhomx eċċezzjonijiet xi jġibu kontra dina t-talba ta’ żgumbrament u dana kif jirriżulta wkoll mill-anness affidavit dokument B.

Għaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti qeda tiġi mitluba sabiex, għar-raġunijiet premessi u bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitlu tnax (12) tal-Liġijiet ta’ Malta:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati Kwik-Fit Silencers Limited, Anthony u Matthew Balzan, jew min minnhom, qedin jokkupaw u jiddetjenu l-garaxx bla numru li jġib l-isem ‘Franks Garage’, pero’ bit-tabella ‘Balsons Silencers Sales and Repairs’ fi Triq Birkirkara, San Ġiljan, kif aħjar fuq deskritt, abbużivament u illegalment;

2. Tordna, għalhekk, l-iżgumbrament tal-istess intimati, jew min minnhom, mill-istess imsemmi garaxx u dana fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat lilhom minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa jibqgħu mħarrkin għas-subizzjoni u salv kull azzjoni oħra – nkluża dik għad-danni – spettanti lis-soċjeta' rikorrenti kontra l-intimati skont il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota t'ammissjoni tal-konvenuti preżentata fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant, fl-ammissjoni tal-konvenuti, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u għall-fini tal-iżgumbrament tipprefiġġi terminu ta' xahrejn.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------